**13 ta' April, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin.)(Manch.), D.P.A. (Lond.)**

Michael Vella u Lino Birguglio f'isimhom proprju u bħala president u segretarju ġenerali rispettivament tal-Partit Demokratiku (P.D.M.) u in rappresentanza tal-Kummissjoni Elettorali

*versus*

Emanuel C. Farrugia bħala Kummissarju Elettorali Ewlieni u in rappresentanza tal-Kummissjoni Elettorali

**Kostituzzjoni – Konfini tad-Distretti – Art. 61(4) tal-Kostituzzjoni – Ġurisdizzjoni – Sindakabilità ta' l-Operat tal-Kummissjoni Elettorali**

*L-atturi f'isimhom proprju u għan-nom ta' Partit Politiku talbu dikjarazzjoni tal-Qorti illi r-rapport tal-Kummissjoni Elettorali dwar il-konfini tad-distretti elettorali mhux skond id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u rimedju.*

*Il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' Ġurisdizzjoni tagħha li ma kellhiex ġurisdizzjoni tisma' l-kawża u astjeniet milli tieħu aktar konjizzjoni tagħha.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni 173/87 li bih premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-3 ta' Settembru 1986 il-Kummissjoni Elettorali ppublikat l-ewwel rapport dwar tibdiliet għall-konfini tad-distretti elettorali;

Peress illi kontestwalment ġie ppubblikat rapport tal-minoranza tal-membri tal-Kummissjoni Elettorali li ma qablux mar-rapport tal-maġġoranza;

Peress illi wara Risoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati tat-30

ta' Settembru *1986, l-isemmi rapport* ġie rriferit lura lill-Kummissjoni Elettorali biex terġa' tikkunsidrah;

Peress illi fil-31 ta' Ottubru 1986 ġiet ippubblikata r-reviżjoni finali tal-konfini għad-distretti elettorali (qabel iż-żmien stipulat fil-Kostituzzjoni), f'liema data ġie ppublikat ukoll Reġistru Elettorali;

Peress illi fl-1 ta' Novembru *1986 inħarġet stqarrija* tal-minoranza tal-membri tal-Kummissjoni Elettorali, liema stqarrija kienet tgħid, fost ħwejjeġ oħra:

(1) li l-karatteristiċi li waslu għar-riżultati mhux naturali ta' l-elezzjoni ta' *l-1981 ma* tneħħewx, anzi f'ċerti bnadi żdiedu;

(2) li fil-fehma tagħhom it-tibdil m'humiex skond ma tirrekjedi l-kostituzzjoni; u

(3) li r-rekwiżit kostituzzjonali li d-distretti għandhom ikunu kemm jista' jkun daqs il-kwota elettorali kemm ikun raġonevolment prattikabbli, reġa' għal darb'oħra ġie injorat;

Peress illi fl-24 ta' Novembru 1986 il-Kummissjoni Elettorali ddikjarat li l-pubblikazzjoni tar-rapport finali ser terġa' ssir minnufih wara l-għeluq tal-perijodu ta' xahrejn mid-data tar-risoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li permezz tagħha r-rapport intbagħat lura lill-Kummissjoni Elettorali;

Peress illi fl-1 ta' Diċembru 1986 il-Kummissjoni Elettorali ppubblikat mill-ġdid ir-rapport finali fil-Gazzetta tal-Gvern;

Peress illi l-imsemmi rapport finali joħloq konfini elettorali

li m'huwiex ġeografikament viċin xulxin, minkejja l-fatt li ġà ntwera fi ħdan il-Kummissjoni Elettorali stess permezz tar-rapport tal-minoranza, li **huwa fil-fatt possibbli li jinstabu konfini mingħajr żbilanċ fin-numri tal-votanti u li fl-istess ħin tkun osservata l-ħtieġa tal-viċinanza ġeografika kif rikjest mill-Kostituzzjoni;**

Peress inoltre, li r-rapport finali ma josservax il-kondizzjoni imposta fil-Kostituzzjoni dwar id-differenzi fid-densità ta' popolazzjoni;

Peress illi l-artikolu 61(4) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li tibdil fil-konfini tad-distrett elettorali għandu jsir "b'dak il-mod li jiżgura li, fiż-żmien meta l-Kummissjoni Elettorali tagħmel ir-reviżjoni tagħha, in-numru miksub bid-diviżjoni ta' l-elettorat totali fid-distretti (kif żgurat b'riferenza għar-reġistru elettorali **fis-seħħ dak iż-żmien**) bin-numru ta' membri li għandhom jiġu eletti għall-Kamra tad-Deputati minn dak id-distrett ikun kemm jista' jkun daqs il-kwoti elettorali kemm ikun raġonevolment prattikabbli";

Peress illi m'hemmx dubju li d-data li fiha l-Kummissjoni Elettorali għamlet ir-reviżjoni tagħha hija d-data meta ġie ppubblikat mill-ġdid ir-rapport rivedut fil-Gazzetta tal-Gvern, ċjoè fl-1 ta' Diċembru 1986. Peress illi dak inhar kien hemm fis-seħħ Reġistru Elettorali ġdid li kien ġie ppubblikat fil-31 ta' Ottubru 1986, u mhux fuq dak ta' April 1986 kif fil-fatt għamlet;

L-atturi talbu li jgħid li l-konvenut *proprio et nomine* għaliex għar-raġunijiet premessi, dina l-Qorti m'għandhiex:

(1) tiddikjara li l-imsemmi rapport finali m'huwiex skond

id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, senjament dawk ta' l-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni; u

(2) tordna lill-Kummissjoni Elettorali tieħu minnufih il-passi meħtieġa biex isiru fir-rapport dwar il-konfini elettorali t-tibdiliet neċessarji biex ikunu osservati l-kondizzjonijiet stipulati fid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut *pro et noe;*

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fis-sens:

1. In-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju *stante* li l-konvenut m'għandux ir-rappresentanza tal-Kummissjoni Elettorali;

2. L-illeġittimità tal-persuna ta' l-atturi fil-kwalità tagħhom rappresentata billi m'għandhomx vestita fihom ir-rappresentanza tal-Partit Demokratiku;

3. In-nuqqas ta' ġurisdizzjoni din il-Qorti *stante* li d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali hija insindikabbli fil-limiti Kostituzzjonali;

4. Illi fil-mertu l-Kummissjoni Elettorali fit-tħejjija tax-xogħol tagħha aġixxiet sewwa u skond il-liġi u skond il-limiti tal-Kostituzzjoni tal-pajjiż;

5. Illi l-Kummissjoni Elettorali bbażat t-tibdil tagħha sija fid-dawl tar-Reġistru Elettorali ta' April, 1986, sija fid-dawl ta'

dak ta' Ottubru, 1986;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u nnota li l-partijiet mogħtijin żmien jippreżentaw taħt l-osservazzjonijiet tagħhom, fir-rigward baqgħu inadempjenti;

Rat ukoll in-nota ta' riferenz ta' l-atturi ppreżentati tardivament;

Ittrattat l-ewwel tlieta mill-ħames eċċezzjonijiet bl-għajnuna tad-difensuri abili tal-partijiet fi stadju preliminari, peress li huwa ċar li jekk jintlaqgħu l-Qorti ma tkunx tista' tgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-każ fil-mertu;

Ikkunsidrat illi l-effett ta' kull waħda mill-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ikun li, jekk dawk l-eċċezzjonijiet jintlaqgħu l-Qorti tgħaddi biss biex tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li jekk it-tielet eċċezzjoni tintlaqa', **din tiddirimi l-kwistjoni kollha** u twassal għal-liberatorja fil-mertu. Konsegwentement jidher opportun li l-Qorti tiddisponi mit-tielet eċċezzjoni l-ewwel, u jekk din ma tintlaqax tgħaddi biex tikkunsidra l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

It-tielet eċċezzjoni hi "n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti *stante* li d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali hija insindakabbli fil-limiti kostituzzjonali;

Ikkunsidrat li l-Kostituzzjoni tikkontempla l-Kummissjoni Elettorali prinċipalment f'żewġ artikoli tagħha: jiġifieri, l-artikolu

60 li jitkellem fuq it-twaqqif tagħha, u l-artikolu 61 li jitkellem *fuq id-distretti elettorali li jwassal għalihom l-operati tagħha*. Mir-rabta ta' dawn iż-żewġ artikoli flimkien jidher ċar li l-Kostituzzjoni riedet li tkun korp indipendenti li jaħdem fil-limiti tal-Kostituzzjoni kif jifhem hu fid-diskrezzjoni soġġettiva tiegħu, mingħajr ma jkun soġġett fix-xogħol tiegħu għal xi reviżjoni da parti ta' xi *ħadd jekk kellu* jkollu xi konnessjoni ma' xi ħadd, dan ix-xi ħadd kellu jkun il-Parlament u mhux il-Qorti. Infatti l-inċiż (9) ta' l-artikolu 60 jgħid kategorikament: "Fl-eżerċizzju *tal-funzjonijiet* tagħha skond din il-Kostituzzjoni tal-Kummissjoni Elettorali ma tkunx suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra"; *fil-waqt* li r-rabta *mal-Parlament tirriżulta ċar mit-tielet inċiż ta'* l-artikolu *61* tal-Kostituzzjoni li jipprovdi għal kif il-Parlament u l-awtoritajiet ta' ġo fih ikunu magħrufa b'*xi tibdil* fil-konfini, u għal dik li jrid isir meta jkun hemm tali tibdil fil-konfini. Kemm l-operat tal-Kummissjoni Elettorali huwa kopert bid-diskrezzjoni soġġettiva tagħha *jidher ċar minn* dak li jingħad fl-ewwel inċiż ta' l-artikolu 61 ".....u tista', skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, tbiddel dawk il-konfini sa fejn tqis mixtieq skond ir-*riżultat tar-reviżjoni.* "Hi għandha tikkunsidra sa fejn il-ħaġa hi mixtieqa, mhux xi *test* oġġettiv preskritt mill-Kostituzzjoni. L-istess tip ta' kliem jerġa' jinsab fl-aħħar *tal-proviso ta'* l-istess *inċiż;*

Ikkunsidrat illi tassew li r-raba' inċiż *ta'* l-istess artikolu *jippreskrivi test oġġettiv* fis-sens li jgħid: "4 Kull *tibdil* tal-konfini ta' xi distrett elettorali skond dan l-artikolu għandu jsir b'dak il-mod li jiżgura.....*li n-numru*..... ikun kemm jista' jkun daqs il-kwota elettorali kemm ikun raġonevolment prattikabbli". Għalkemm dan il-kliem jerġa' jinsisti fuq is-soġġettività tal-kriterju, *billi* r-*raġonevolezza* u l-prattiċità huma ħwejjeġ li jistgħu

jvarjaw minn persuna għal oħra, huma marbutin mal-kliem ta' l-"Iżda", tal-*proviso,* li jorbot kategorikament mal-kriterju ta' differenza ta' mhux aktar minn ħamsa fil-mija, "sabiex jittieħdu kont tal-viċinanza ġeografika, differenzi fid-densità ta' popolazzjoni u fatturi oħra relevanti;

Għalhekk m'hu qed jiġi allegat l-ebda ksur tal-liġi u fl-applikazzjoni tal-liġi, il-Kummissjoni Elettorali kif ingħad mhux "suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra", frażi din ta' l-aħħar, "xi persuna jew awtorità oħra", li ċertament tinkludi lill-Qorti;

Ikkunsidrat b'dan kollu li dan ma għandux ifisser li l-Kummissjoni Elettorali teżordi għal kollox mill-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: ifisser biss li din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik il-Kummissjoni Elettorali eżerċita skond il-liġi. Din il-Kummissjoni Elettorali eżerċita skond il-liġi. Din il-Kummissjoni mhix protetta, kif, inhi, per eżempju, il-Kummissjoni tas-Servizzi Pubbliċi, bl-istess Kostituzzjoni, li dak li tagħmel il-Kummissjoni ma jkunx mistħarreġ minn ebda Qorti (l-artikolu 115 li kif deher riċentement mhux artikolu li jagħti dik il-protezzjoni assoluta li xi wħud kienu jimmaġinaw). Il-ġurisdizzjoni li din il-Qorti, tradizzjonalment dejjem kellha biex tara l-operat ta' kwalsiai persuna sarx, kif il-liġi trid li jsir..... is-setgħa ta' dak li jkun sar, qiegħed dejjem hemm, tikkomplimenta u tikkompleta l-okkażjonijiet ta' appell li liġijiet partikolari jkunu pprovdew liċ-ċittadin aggravat b'xi deċiżjoni ta' min għandu s-setgħa li jiddeċidi in prim'istanza, tapplika għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Elettorali kif tapplika f'kull qasam ieħor tal-ħajja ċivili u soċjali għax mhix eskluża minn xi liġi jew mill-Kostituzzjoni li, anzi, seħħet dan l-eżerċizzju (nistgħu insejħulu

setgħa) ta' din il-Qorti, bit-tielet inċiż ta' l-artikolu 46 tagħha meta fissret li kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali *li jitqanqlu* quddiem Qrati oħra Maltin għandhom jintbagħtu lil din il-Qorti għad-deċiżjoni tagħha, u dan iktar u iktar li l-għaxar inċiż ta' l-*artikolu* 124 *tal-Kostituzzjoni jipprovdi li* ''*Ebda disposizzjonii* ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorità ma tkun soġġetta għad-direzzjoni jew *awtorità oħra fl-eżerċizzju* ta' xi funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni ma għandha tinftiehem bħala li tipprekludi Qorti milli teżerċita ġurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorità tkunx qdiet dawn il-funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra'';

Ikkunsidrat *li* għal din ir-raġuni, il-Qorti *llum* għandha d-dmir li tara jekk f'dan il-każ partikolari l-Kummissjoni Elettorali mxiet skond il-liġi, għax jekk ma mxietx *skond il-liġi l*-Qorti jkollha l-ġurisdizzjoni li tiddeċidi konformament. L-atturi jallegaw li fil-kwistjonijiet tal-konfini ġodda ma mxietx skond il-liġi, u *dana partikolarment minħabba* l-kontenut tal-ħames paragrafu taċ-ċitazzjoni, viż:

Peress illi fl-1 ta' Novembru, 1986, inħarġet stqarrija tal-minoranza tal-membri tal-Kummissjoni Elettorali, liema stqarrija kienet tgħid, fost ħwejjeġ oħra:

(1) li l-karatteristiċi li wasslu għar-riżultat mhux naturali *ta' l-elezzjoni ta' l-1981 ma tneħħewx, anzi f'ċerti bnadi żdiedu;*

(2) li fil-fehma tagħhom it-*tibdil m'huwiex skond ma* tirrikjedi l-Kostituzzjoni, u

(3) li r-rekwiżit Kostituzzjonali li d-distretti għandhom ikunu kemm jista' jkun daqs il-kwota elettorali kemm ikun

raġonevolament prattikabbli, reġa' għal darb'oħra ġie injorat'';

Jidher ċar ukoll minn din il-kawżali li l-fehma tal-Kummissjoni Elettorali nqasmet fi tnejn: kien hemm rapport, li ssejjaħ tal-maġġoranza tal-Kummissjoni, u rapport ieħor li ssejjaħ tal-minoranza tal-Kummissjoni;

Il-Qorti qiegħda tissottolinea dan il-fatt biex tieħu l-okkażjoni tagħmilha ċara li l-Kostituzzjoni ma titlobx lill-Kummissjoni timxi b'unanimità. Kif jiġri dejjem fil-ħajja, l-unanimità mhix ħaġa ta' kuljum u l-prattiċità titlob ineżorabilment li korpi maħluqin mill-bniedem, jimxu skond il-fehma tal-maġġoranza ta' wieħed biss; tant li nistgħu ngħidu li għalhekk ħafna drabi kopri maħluqin mill-bniedem, ikunu bil-fart u mhux biż-żewġ. Il-Qorti ġiet mistiedna mill-atturi biex tifli sew iż-żewġ rapport, biex tara hi liema rapport jaqbel l-iktar mar-rekwiżiti ta' l-artikolu wieħed u sittin (61) partikolarment fl-inċiż (4) tal-Kostituzzjoni;

L-attur, in konnessjoni ma' din l-eċċezzjoni, talab illi jipproduċi lill-attur Dr. L. Briguglio u lill-Kummissarju Elettorali, Perit Italo Raniolo, Spiżjar M. Zarb Adami, l-Avukat Dr. Robert Staines bħala xhieda bl-iskop li jixhdu dwar l-Imputazzjoni magħmula fiċ-ċitazzjoni illi l-konvenut minkejja li jaf bir-rapport tal-minoranza li jsegwi d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni kemm jista' deliberatement għażel ir-rapport finali li ma josservax l-istess disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, aġir dan mhux skond il-liġi u li jammonta għall-malafede''. (Verbal 3-4-87);

Kien aċċettat mill-konvenut illi li kieku l-Kummissjoni riedet, setgħet tasal biex tibni konfini li joqogħdu bil-preċiżjoni

matematika għall-kriterji tal-Kostituzzjoni (l-art. 61(4) (iżda); iżda huwa ssottometta dan seta' jwaqqa' s-sistema għall-assurd bħal jekk ikun deċiż li n-nies li jorqdu fis-sular ta' fuq ta' xi fond partikolari jivvutaw f'distrett, waqt li dawk li joqogħdu fis-sular ta' isfel ta' l-istess fond, jivvutaw f'distrett ieħor li kien indikat li jekk wieħed joqgħod għall-Kriterju tal-viċinanza ġeografika biss, *tista' tasal f'sitwazzjoni fejn min* joqgħod fil-periferija ta' distrett jinstab li għandu jagħmel iktar mid-distrett li jmiss miegħu (adjaċenti) *milli mal*-qalba tad-distrett li fih ser jivvutaw.....sitwazzjonijiet li l-Qorti tapprezza li jistgħu jkunu plawsibbli ħafna;

Ikkunsidrat illi tifhem li jekk tagħmel din l-analiżi taż-żewġ rapporti *hija* tkun qiegħda tipprova tissindika l-operat tal-Kummissjoni Elettorali u *tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal* dik tal-maġġoranza jew tal-minoranza fi ħdan il-Kummissjoni. Dan mhux l-eżerċizzju tar-reviżjoni li *l-Qorti fissret* diġà li ma jaħrabx mill-ġurisdizzjoni tagħha. F'reviżjoni simili, kull ma tista' tagħmel il-Qorti hu li tara jekk il-persuna aggravata waslitx biex turi li fl-operat tal-korp in kwistjoni kien hemmx xi ħaġa li tmur kontra l-liġi u, fir-reviżjoni tagħha, il-Qorti għandha tillimita ruħha *għal dak* l-agravju u l-provi relattivi għalih; u jekk issib li l-persuna aggravata waslet biex tipprova l-każ tagħha tagħmel id-dikjarazzjoni relattiva okkorrendo tagħti d-direttivi opportuni, ovvjament dil-fehma qiegħda fil-qiegħ tal-ħajja ċivili ta' kull pajjiż ċivilizzat, li meta l-Qorti tkun iddikjarat il-liġi x'inhi f'hix xi ħadd naqas fl-osservanza tagħha, il-persuna li tkun naqset *ma tibqax tistina rasha kontra* l-liġi, *iżda minn rajha* (bħala persuna ċivili) tirrevedi dak li tkun għamlet u toqgħod għad-direttivi tal-Qorti biex tassigura *li l-aġir tagħha jkun skond* il-liġi;

Ikkunsidrat li biex joqorbu lejn dan l-eżerċizzju, l-atturi

allegaw li konsiderazzjoni serja taż-żewġ rapporti għandha turi *ictu oculi* li hemm *mala fede* fir-rapport tal-maġġoranza u dan għaliex issottomettew li l-kriterji ta' a) viċinanza ġeografika, b) densità ta' popolazzjoni u ċ) fatturi relevanti oħra msemmija fl-"iżda", il-"*proviso*" tar-raba' inċiż ta' l-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni, m'humiex direttorji (ta' parir) iżda mandatarji (jorbtu bilfors). Diġà ntqal li l-fattur tal-ħamsa fil-mija (5%) speċifikat f'dan l-inċiż, ma kienx allegat li ma kienx osservat (anzi qbil li kien osservat) u l-Qorti diġà fissret aktar 'il fuq li jidher li dak hu l-kriterju oġġettiv waħdieni kkontemplat fl-inċiż ta' l-artikolu in kwistjoni;

L-atturi waslu biex allegaw u wisq inqas biex iressqu provi fuq xi aspett partikolari li jwassal għall-*mala fede* tal-Kummissjoni fid-deliberazzjonijiet tagħha jew ikkunsidrat xi fattur li kien żejjed għall-fatturi kkontemplati fil-liġi: a) viċinanza ġeografika, b) densità ta' popolazzjoni u ċ) fatturi oħra relevanti, li ġiet murija xi ħaġa f'dawn id-direzzjonijiet, il-Qorti tifhem li kien ikun indikat aċċertament profond, bil-mezzi kollha permessi mil-liġi. La xi allegazzjoni f'dan is-sens ma kienx hemm, il-Qorti fehmet li ma kienx il-każ li tisma' x-xhieda li l-atturi riedu jipproduċu in konnessjoni ma' l-ewwel tliet eċċezzjonijiet għax deher lampanti li ma kinux sejrin jixhdu mill-*punto di vista* tar-relevanza għat-tliet eċċezzjonijiet, iżda bix-xhieda tagħhom l-atturi jieħdu l-opportunità biex jistadu għal xi ħaġa li fil-waqt taċ-ċitazzjoni ma kinitx disponibbli għalihom..... ħaġa li l-Qorti, kemm tagħna u kemm ta' barra, dejjem fittxew li ma jagħtux lok għaliha, għax altru l-istadju tal-ġudizzju, u altru ta' l-istadju ta' l-investigazzjoni li tista' twassal għalih;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċidi:

1) L-ewwel li għandha tiċħad it-talba għall-produzzjoni tax-xhieda mitluba fl-udjenza tat-3-4-87; it-tienti (2) tilqa' t-tielet eċċezzjoni u tiddikajra li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-każ; u it-tielet (3) tiddeċidi li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni peress li wara li laqgħet it-tielet eċċezzjoni dwar il-mertu, l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni saru merament akkademiċi; u in konsegwenza, tirrespinġi t-talbiet attriċi.